**Laqgħa ta' katekeżi għar-romol**, irġiel u nisa, nhar it-Tnejn 27 t'April, fis-5.45pm, fil-Mużew il-qadim tal-bniet.

**Grupp ta' talb ta' Patri Piju**, nhar it-Tnejn 27 t'April, fil-kappella tas-Sorijiet, fl-4.00pm. Ikollna r-Rużarju bl-Adorazzjoni u l-Quddiesa. Inżommu dejjem l-intenzjonijiet għall-vokazzjonijiet u għall-morda. Inkunu qed nitolbu għall-parroċċa tagħna.

**Niċċelebraw it-338 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Parroċċa,** nhar it-Tlieta 28 t'April, billi ningħaqdu lkoll fil-Bażilika għall-Konċelebrazzjoni Solenni fis-6.00pm, immexxija mill-Arċipriet, u wara naqsmu xi ħaġa tajba flimkien fuq iz-zuntier tal-knisja.
(Ma jkunx hemm quddies fil-5.00pm u fis-6.30pm).

**Sessjoni oħra ta' eżerċizzji fiżiċi**, organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima, nhar il-Ħamis 30 t'April, fis-Sala Parrokkjali, fid-9.30am. Kulħadd mistieden.

**Ġita għal Malta International Fireworks Festival**, organizzata mill-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl, nhar il-Ħamis 30 t'April, nitilqu mal-vapur tal-5.00pm niltaqgħu quddiem it-terminal tal-vapur. Prezz €10. Bookings 99803133 / 99821364.

**Il-Ġimgħa 1 ta' Mejju**
L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR - FESTA TA' SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM
Iċ-Ċimiterji jkunu miftuħin mis-7.00am sas-7.00pm;
**Quddiesa fil-5.00pm** fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina.

**Adorazzjoni fil-Bażilika** bejn il-Quddies tad-9.00am u tal-11.00am;
**Is-Siegħa tal-Ħniena Divina** wara l-Quddiesa tal-5.00pm, b'talb speċjali għall-paċi fid-dinja.

N.B. Mill-1 ta' Mejju 'l quddiem il-Quddies filgħaxija se jibda jkun kuljum fil-5.00pm u fis-7.00pm.

**Niċċelebraw flimkien il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem,** nhar il-Ħadd 3 ta' Mejju, fil-5.00pm Konċelebrazzjoni Solenni u wara purċissjoni qasira li, din is-sena, ser tgħaddi minn Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq Dun Bernard Haber, Triq il-Kappillan u Triq Cicciano.

**Rużarju fil-beraħ** matul ix-xahar ta' Mejju. Jibda fl-1 ta' Mejju fi Ġnien il-Kunsill quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Fatima, fis-6.00pm. Kulħadd mistieden.

**Jinfetħu l-applikazzjonijiet għall-Kindergarten** fl-iskola primarja tal-Istat fir-raħal tagħna tan-Nadur: ir-reġistrazzjoni għall-ewwel sena tal-Kindergarten se jibdew jintlaqgħu fl-iskola stess mill-ewwel ġimgħa ta' Mejju.

**SHEMA – Lejl Imdawwal mill-Ewkaristija**
Biex inkomplu niċċelebraw l-ispirtu taż-żmien tal-Għid li qegħdin fih, u nitħeġġu fl-imħabba lejn l-Ewkaristija li hija l-frott tal-Qawmien tal-Mulej, id-Djoċesi tagħna qed tistedinna nattendu bi ħġarna għall-attività Shema – Lejl Imdawwal mill-Ewkaristija, li ħa tinżamm fiċ-ċentru tal-Belt Victoria, nhar is-Sibt 2 ta' Mejju, bejn is-7.00pm u 12.00am. Bħall-ewwel edizzjoni ta' tliet snin ilu, se jkun hemm ħafna attrazzjonijiet differenti mxerrdin mal-qalba tar-Rabat, u wieħed jista' jżurhom bl-għajnuna ta' programm u mappa li qed jitqassmu mal-Bullettin. Hija okkażjoni sabiħa ta' mistrieħ, divertiment u tagħlim fl-istess ħin, għall-familji u l-gruppi kollha tagħna.

**Sess bl-imħabba**: Seminar għall-għarajjes li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ Nisrani, nhar il-Ħadd 3 ta' Mejju, mid-9.00am sas-2.00pm, f'Dar Manresa, il-Belt Victoria. Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 99877339 jew ibagħtu fuq mtz@churchingozo.mt.

**Ħarġa għall-anzjani f'Malta**, organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur, nhar il-Ħamis 14 ta' Mejju. Tluq mill-Pjazza fis-6.00am. Aktar informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am